MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1668/1998/1

**Joseph, Victor u Michel aħwa ŻAMMIT**

**vs**

**Paul ŻAMMIT**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-11 ta' Awissu, 1998, li bih l-atturi ippremettew;

Illi l-partijiet fil-kawża odjerna huma, flimkien ma' terzi, werrieta ta' Pio Eucharisto Zammit li miet fil-21 ta' Lulju, 1997 u ħalla testmenti datati 30 ta' Ġunju, 1990, 18 ta' Mejju, 1991 u 16 ta' Jannar, 1993, li fihom ħalla bħala eredi inter alios lill-atturi;

Illi l-konvenut għandu fil-pusess tiegħu l-maggioranza ta' l-assi mobbli formanti parti minn dan l-istess wirt u li kienu

jinsabu fil-fond 148a, Rue d'Argens, Msida, liema assi l-atturi m'għandhomx aċċess għalihom billi l-konvenut klandestinament u kontra l-volonta' ta' l-atturi ħa dawn l-istess assi taħt idejh;

Illi l-atturi m'humiex f'posizzjoni li jiddeċiedu jekk jaċċettawx o meno dan l-istess wirt, kif tagħtihom dritt il-Liġi, mingħajr informazzjoni rilevanti;

Illi għal fini li l-atturi jeżerċitaw id-dritt tagħhom fil-Liġi kif ingħad fl-aħħar premess qabel dan, huma għandhom bżonn f'idejhom inventarju dettaljat ta' l-assi kollha formanti parti mill-imsemmi wirt, liema inventarju jista' jipprovdieh biss il-konvenut;

Illi għall-finijiet li jikkawtelaw id-drittijiet tagħhom fuq dawn l-istess assi u sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom kif ingħad, l-atturi fit-30 ta' Lulju, 1998 ippreżentaw Mandat ta' Deskrizzjoni numru 2808/98 M1 fl-istess ismijiet tal-kawża odjerna, liema mandat ġie akkordat minn din l-Onorabbli Qorti;

Għaldaqstant l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandiex għal dawn ir-raġunijiet premessi:

1. Tordna li huwa jagħmel inventarju dettaljat ta' l-assi kollha formanti parti mill-wirt ta' Pio Eucharisto Zammit u li jinsabu fil-pussess tiegħu, bl-assistenza, jekk din il-Qorti jidhrilha xieraq, ta' espert nominandi;

2. Tordna li huwa jikkonsenja dan l-istess inventarju lill-atturi, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu iffissat minn din l-Onorabbli Qorti;

3. Fin-nuqqas din l-Onorabbli Qorti tawtorizza lill-atturi li jagħmlu tali inventarju huma stess a spejjeż tal-konvenut.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-Mandat ta' Deskrizzjoni numru 2808/98 u bl-imgħax legali, kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi, u d-dokument mehmuż magħha;

Rat in-Nota mressqa fid-9 ta' Diċembru, 1998, li biha l-imħarrek eċċepixxa;

1. Illi jiġi rilevat preliminarment illi l-fond 148a Rue D'Argens, Msida huwa uffiċju; il-konvenut Paul Zammit, bħala direttur tal-kumpannija proprjetarja tal-uffiċju in kwistjoni kien jagħmel użu minn dan l-uffiċju. Inoltre il-konvenut kien jabita f'appartament sovrappost, u ċioe 148R, Rue D'Argens, Msida, f'liema appartament kien iżomm diversi effetti personali u oġġetti mobbli proprjeta tiegħu dwar liema oġġetti mobbli ma huwiex tenut jagħti rendikont tagħhom lil ħadd. Illi in kwantu għalhekk li t-talbiet attriċi huma riferibbli għall-fond 148a, Rue D'Argens, Msida, dawn huma kkontestati u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż għas-sempliċi raġuni li l-attur ma ħa ebda oġġett mobbli mill-istess post, u anzi kien hu li ġie klandestinament u bi vjolenza spussessat minn proprjeta mobbli proprjeta tiegħu li kienet hemm tinsab, u dan kif jirriżulta ampjament mill-atti tal-kawża fl-ismijiet *Paul Zammit vs. Victor Zammit et. (Ċit. Numru 658/98).*

2. Illi inoltre, bla preġudizzju għas-suespost u jekk it-talbiet tal-atturi huma riferibbli għal oġġetti li kienu jinsabu fil-fond 148R, Rue D'Argens, Msida, l-atturi ma għandhomx interess fit-talbiet dedotti minnhom permezz taċ-ċitazzjoni odjerna peress li ma jista' jkollhom ebda jedd fuq l-oġġetti, mertu ta' din il-kawża, u l-oneru tal-prova dwar x'jedd jistgħu jvantaw fuq l-istess jirrisjedi interament fuq l-atturi.

3. Illi, inoltre u bla preġudizzju għas-suespost, illi fi kwalunkwe każ il-konvenut m'huwiex il-leġittimu kontradittur stante li omm Paul, bħala usufruttwaria tal-assi in kwistjoni, għandha il-pussess ta' l-istess.

4. Illi, inoltre u bla preġudizzju għas-suespost il-konvenut m'għandux f'idejh oġġetti mobbli formanti parti minn dan il-wirt u li kienu jinsabu fil-fond 148R, Rue D'Argens, Msida, stante li kif iddikjara t-testatur, Rue D'Argens,

Msida l-oġġetti in kwistjoni kienu minn dejjem proprjeta’ personali tal-konvenut Paul Zammit;

5. Illi inoltre u bla preġudizzju għas-suespost u fi kwalunkwe każ, skond l-istess testment, it-testatur kien ħalla l-istess oġġetti lill-konvenut Paul Zammit bħala prelegat, jiġi rilevat għal kull buon fini illi għalkemm għandhom piena konoxxenza tal-kontenut tal-wirt in kwistjoni, l-atturi naqqsu li jeżebixxu id-dokumenti rilevanti.

6. Illi inoltre u bla preġudizzju għas-suespost, u fi kwalunkwe każ, l-atturi aċċettaw irrevokabbilment il-wirt ta’ missierhom; illi għalhekk ma għandhom l-ebda interess fit-talbiet tagħhom;

7. Illi inoltre u fi kwalunkwe każ, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż peress li l-konvenut ma jistgħax jiġi tenut bil-Liġi jagħti rendikont tal-proprjeta’ tiegħu.

8. Illi l-ġudizzju m’huwiex integru billi tali ċitazzjoni trid issir fil-konfront tal-interessati kollha fil-wirt, u fl-assenza tagħhom l-eċċipjent għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

9. Illi fil-fatt l-uniku skop tal-kawża odjerna hi sempliċement sabiex jiġi ġġustifikat il-ħruġ tal-mandat ta’ deskrizzjoni msemmi fiċ-ċitazzjoni, liema mandat inħareġ sempliċiment sabiex biha jiġi vvessat il-konvenut u mfixkel fit-tgawdija tiegħu ta’ ħwejġu.

10. Illi għalhekk it-talbiet attriċi huma manifestament infondati fil-fatt u fid-dritt u għaldaqstant għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-10 ta' Novembru, 1999[1], li bih ħalliet il-kawża *sine die*;

Rat id-Degriet tagħha tal-14 ta' Diċembru, 1999, li bih u fuq talba tal-atturi b'rikors tagħhom tal-10 ta' Diċembru, 1999, reġgħet qegħdet il-kawża fuq il-lista tas-smigħ għad-9 ta' Frar, 2000;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-2 ta' Marzu, 2001[2], li bih reġgħet ħalliet il-kawża *sine die*;

Rat id-Degriet tagħha tat-30 ta' April, 2001[3], li bih u fuq talba b'rikors ieħor tal-atturi tal-10 t'April, 2001, reġgħet qegħdet il-kawża fuq il-lista tas-smigħ għall-5 t'Ottubru, 2001;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-26 ta' Novembru, 2001[4], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi tal-atturi;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet kemm bil-meżż tal-affidavit u kif ukoll bil-fomm quddiem il-Qorti;

Rat id-Degriet tagħha tal-20 ta' Jannar, 2004[5], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi tal-imħarrek;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-imħarrek;

Rat illi l-atturi naqsu li jressqu sottomissjonijiet bil-miktub fiż-żmien mogħti lilhom, u lanqas ressqu xi att biex jingħataw aktar żmien biex jagħmlu dan jew xi talba biex il-Qorti ma tgħaddix għall-għoti tas-sentenza;

Rat id-Degriet tagħha tal-11 ta' Mejju, 2004, li bih ħaliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

[1] Paġ. 20 tal-proċess
[2] Paġ. 48 tal-proċess
[3] Paġ. 50 tal-proċess
[4] Paġ. 59 tal-proċess
[5] Paġ. 87 tal-proċess

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal għoti ta' inventarju ta' assi ta' wirt. L-atturi, fil-kwalita' ta' werrieta flimkien ma' oħrajn ta' missierhom, qegħdin jitlobu lill-imħarrek, bħala werriet ieħor, biex jagħtihom lista dettaljata tal-ġid li kellu missierhom qabel miet, biex ikunu jistgħu jiddeċiedu jekk jaċċettawx il-wirt jew le. Huma jgħidu li l-imsemmi ġid jinsab taħt idejn l-imħarrek u li huma m'għandhomx aċċess għalih;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa' billi ċaħad li qatt neħħa xi ħaġa mill-post imsemmi mill-atturi, u li jekk qegħdin jirreferu għal ġid li jinsab f'post ieħor, iridu qabel kollox jippruvaw x'jedd għandhom fuq tali ġid. Jgħid ukoll li ma jmissux ġie mħarrek għaliex omm il-partijiet, bħala użufruttwarja, kellha l-pussess tal-ġid tal-wirt ta' żewġha u mhux hu. Iżid jgħid ukoll li dak li hu f'idejh hu tiegħu personalment, kif kien iddikjara missieru stess, li kien ħallielu dak il-ġid ukoll bi prelegat fit-testment tiegħu. Itenni li l-atturi kienu diġa' aċċettaw il-wirt u għalhekk l-azzjoni tagħhom ma kiienx hemm bżonnha, imma fetħuha biss biex iżommu sħiħ il-Mandat ta' Deskrizzjoni li kien inħareġ favurihom. Fl-aħħar nett, l-imħarrek jgħid ukoll li l-ġudizzju m'huwiex sħiħ għaliex hemm werrieta oħrajn li m'humiex fil-kawża;

Illi l-fatti li jirriżultaw mill-atti juru li l-atturi u l-imħarrek huma aħwa. Missierhom Pio Eucharistico Żammit miet testat fil-21 ta' Lulju, 1997. Ommhom kienet għadha ħajja. L-imħarrek kien jgħix mal-ġenituri tal-partijiet f'post f'Rue d'Argens, Gżira, li kien ukoll is-sedi kummerċjali tan-negozji li kien imexxi l-missier u mbagħad għadda fuq uliedu, l-istess partijiet fil-kawża. Wara mewt il-missier, inqalgħu kwestjonijiet bejn il-partijiet kemm għar-rigward tat-tmexxija tal-kumpanniji u kif ukoll dwar il-paternita' ta' ġid li kien jinsab fl-imsemmi fond. Fl-1998, l-imħarrek

fetaħ kawża ta' spoll kontra l-atturi[6] mixlija li ħadu l-affarijiet mill-imsemmi fond u neħħewh mill-pussess u aċċess għall-istess;

Illi fid-29 ta' Lulju, 1998, l-atturi talbu u kisbu l-ħruġ ta' Mandat ta' Deskrizzjoni[7] kontra l-imħarrek, liema talba kienet milqugħa dak inhar stess u fetħu din il-kawża fil-11 t'Awissu, 1998;

Illi fil-konsiderazzjonijiet ta' dritt li l-Qorti sejra tagħmel dwar dan il-każ, trid issemmi qabel kull ħaġ'oħra li din l-azzjoni tagħmel parti minn sensiela ta' proċedimenti ġudizzjarji li l-partijiet ħadu kontra xulxin f'medda ta' żmien wara l-mewt ta' missierhom. Illum ukoll din il-Qorti qegħda tagħti s-sentenza dwar talba oħra magħmula mill-istess atturi kontra ħuhom biex jagħti inventarju dirett tal-ġid tal-kumpanniji li għandu f'idejh[8]. Din l-azzjoni nbdiet wara li l-imħarrek kien ressaq azzjoni ta' spoll kontra l-atturi, sewwasew dwar ħwejjeġ (ġid u possedimenti oħrajn) li kienu jinsabu fl-istess post ġo Rue d'Argens. Fuq ordni li kienet tat din il-Qorti waqt stadju bikri tas-smigħ tal-kawża, provi mressqin mill-partijiet f'din il-kawża kellhom jgħoddu għall-oħra, u viċi versa;

Illi din l-azzjoni hija karatterizzata wkoll minn nuqqas qawwi ta' provi konkreti li jistgħu jwasslu lill-Qorti biex tagħmel stħarriġ xieraq u sħiħ tal-allegazzjonjiet tal-partijiet, imma l-aktar ta' dak li l-atturi jippretendu. Dan jingħad, per eżempju, dwar provi dokumentali neqsin jew li kienu jkunu meħtieġa biex jgħinu lill-Qorti tqis kif imiss dak li l-atturi jallegaw;

Illi ta' min jinnota wkoll li, minn dak li joħroġ mid-diversi verbali tas-smigħ, l-atturi ma dehru qatt quddiem il-Qorti f'din il-kawża;

Illi fost ir-regoli ewlenin li jsawru kull proċediment ġudizzjarju, hemm tnejn li jikkostitwixxu s-sinsla tal-aspett probatorju ta' kull kawża: l-ewwel regola hi l-Qorti

[6] Ċitazz. Nru. 658/98RCP maqtugħa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30/5/2002 favur l-attur u minnha tressaq appell quddiem il-Qorti tal-Appell (l-appell għadu pendenti)
[7] Mandat 2808/98
[8] Ċitazz. Nru. 1668/98JRM

għandha **fil-każijiet kollha** tordna li ssirilha **l-aħjar prova** li l-parti tista' ġġib[9]; it-tieni regola hi li l-obbligu ta' prova ta' fatt imiss **dejjem** lil min jallegah[10]. Taħt il-massima *actor non probantur, reus absolvitur* jiġi li jekk parti attriċi f'kawża tonqos li tipprova dak li fuqu tibni t-talba ġudizzjarja tagħha, il-parti mħarrka tinħeles milli twieġeb għal tali talba[11];

Illi l-atturi jibnu l-azzjoni tagħhom fuq żewġ premessi: l-ewwel waħda hija dik li l-imħarrek għandu fil-pussess tiegħu l-biċċa l-kbira tal-assi mobbli tal-wirt, u t-tieni hi li huma m'għandhomx aċċess għal dak il-ġid. Minn dawn il-premessi, jisiltu t-talba biex l-imħarrek jiġi ordnat jagħtihom inventarju dettaljat ta' dak li għandu f'idejh, biex minnu jaraw jekk għandhomx jaċċettaw jew le l-wirt ta' missierhom;

Illi dwar l-ewwel pretensjoni, l-atturi jressqu kopja ta' rapport li huma għamlu lejn il-bidu tal-1998[12], li fih talbu lill-pulizija tmexxi kontra ħuhom l-imħarrek għal allegat eżerċizzju arbitrarju ta' jeddijiet pretiżi. Madankollu, il-fatti jidher li juru mod ieħor. Mix-xhieda u l-konklużjonijiet milħuqa minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fil-kawża ta' spoll, jirriżulta l-kuntrarju ta' dak allegat. Dan jingħad għaliex, kemm mix-xhieda tal-atturi (imħarrkin f'dik il-kawża)[13] u kif ukoll mir-riżultanzi ta' fatt li wettqet dik il-Qorti, joħroġ li għadd ta' oġġetti li kienu jagħmlu parti mill-wirt ta' missier il-partijiet ittieħed mill-atturi f'postijiet differenti ikkontrollati minnhom[14];

Illi dwar it-tieni pretensjoni, l-atturi ressqu wkoll dikjarazzjonijiet maħlufin f'għamla ta' affidavit. Irid jingħad li d-dikjarazzjonijiet imressqin mill-atturi f'din il-kawża huma kopja awtentikata tal-istess dikjarazzjonijiet li ressqu fil-kawża l-oħra. Minbarra dan, għalkemm jitressqu żewġ (2) dikjarazzjonijiet "differenti", meta wieħed jaqrahom isib li jgħidu l-istess ħaġa f'kollox, bħallikieku kienu "klonati".

[9] Art. 559 tal-Kap 12
[10] Art. 562 tal-Kap 12
[11] App. Inf. **12.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Hans Joachim Link et vs Raymond Merċieca***
[12] Dok "A", f'paġ. 6 tal-proċess
[13] Xhieda ta' Joseph Żammit 22/1/2002, f'paġ. 210-2 tal-atti tal-kawża 658/98RCP
[14] Ara l-lista f'paġġ. 141-7, Dok "PZ1", 156-8 u 241-5 tal-atti tal-kawża 658/98RCP u paġġ. 36-7 tas-sentenza f'dik il-kawża

Din l-imġiba ma tgħin xejn biex wieħed jaċċetta li d-dikjarazzjonijiet imressqa jikkorroboraw lil xulxin. F'dan il-waqt, din il-Qorti ttenni l-osservazzjonijiet f'lokhom li għamlet il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza dwar l-azzjoni ta' spoll imressqa mill-imħarrek kontra l-atturi f'din il-kawża, dwar il-mod kif tħaddmet il-proċedura tax-xhieda b'affidavit;

Illi, madankollu, meta wieħed jaqra l-istess dikjarazzjoni, wieħed isib li l-biċċa l-kbira minnha ttieħdet biex targumenta kif ma setax ikun li l-affarijiet ta' valur u l-opri tal-arti li l-imħarrek xtara jew ikkummissjona saru bi flus tiegħu proprju, imma bi flus il-kumpanniji. Dan l-argument ma jwassal imkien, l-ewwelnett għaliex il-kwestjoni tal-pussess ma tiddependix mill-provenjenza tal-fondi wżati għall-kisba tagħhom. It-tieni għaliex jekk inhu minnu li l-*objets d'art* li ġemma' l-imħarrek kienu miksuba tassew mill-fondi tal-attivitajiet kummerċjali ta' kumpanniji, jaqa' l-argument basilari li dak li qegħdin ifittxu l-atturi huwa d-determinazzjoni tal-konsistenza tal-wirt ta' missierhom. F'każ bħal dak, allura, il-konsistenza tal-ġid artistiku u s-siwi tiegħu jinċidi fuq il-valur tal-ishma tal-kumpanniji, liema ishma huma diġa' determinati u magħrufa minn kull wieħed mill-atturi, li jaf x'inhi l-kwota rispettiva tiegħu, u għalhekk ma jeħtieġx l-inventarju mitlub mill-imħarrek biex jiddeċiedi jekk iridx jaċċetta l-wirt ta' missieru jew le;

Illi minn din ir-riflessjoni l-Qorti tislet fehma oħra. Hija mira dikjarata mill-atturi f'waħda mill-premessi taċ-Ċitazzjoni li t-talba tagħhom (li l-imħarrek jiġi ordnat ifassal inventarju mirqum) qegħda ssir biex ikunu f'qagħda li jiddeċiedu jew le jekk għandhomx jaċċettaw il-wirt ta' missierhom. Huwa prinċipju ewlieni fil-liġi tas-suċċessjoni li ħadd m'huwa mġiegħel jaċċetta l-wirt li jmiss lilu[15], imma min jaċċetta huwa mogħti l-għażla li jagħmel dan jew mingħajr kundizzjoni jew bil-benefiċċju tal-inventarju[16]. Dikjarazzjoni li l-werriet fi ħsiebu jaċċetta l-wirt b'tali benefiċċju tnissel proċess li l-liġi tagħna – kemm dik sostantiva u kif ukoll dik proċedurali – tfisser b'reqqa. Fost dawn ir-regoli wieħed isib li l-obbligu li jsir l-inventarju

[15] Art. 846 tal-Kap 16
[16] Art. 847 tal-Kap 16

jaqa' fuq il-werriet li "fil-fatt ikollu l-assi tal-wirt f'idejh"[17]. Għar-raġunijiet imsemmijin aktar qabel, intwera li, fil-waqt li nbdiet din il-kawża u sa żmien konsiderevoli wara, l-imħarrek kien imċaħħad mill-pussess jew miż-żamma tal-istess oġġetti li l-atturi jridu li jintgħamel l-inventarju dwarhom. Fil-fehma tal-Qorti, dan iġib l-azzjoni attriċ i waħda li saret intempestivament, għaliex meta nfetħet din il-kawża il-fatti li bis-saħħa tagħhom kienet inbdiet (mill-imħarrek) il-kawża tal-ispoll kienet ilha xhur li nbdiet u l-istess atturi kienu jafu biha, għaliex sa dak iż-żmien kienu diġa' ressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom fl-istess kawża;

Illi mbagħad, dwar xi oġġetti oħrajn li l-atturi jistgħu jippretendu li l-imħarrek għandu ż-żamma tagħhom, jirriżulta li huma kienu talbu l-ħruġ ta' aktar minn Mandat ta' Deskrizzjoni wieħed li, mill-eżekuzzjoni tagħhom, setgħu jagħrfu fiex kien jikkonsisti l-ġid li dwaru setgħu jiddeċiedu jekk jaċċettawx jew le il-wirt ta' missierhom. Jekk tali Mandati ġew eżegwiti kif imiss, l-atturi setgħu u messhom ħadu stampa tajba biżżejjed biex jiddeċiedu b'liema mod kienu sejrin jaċċettaw il-wirt ta' missierhom, jew jekk kienx jaqblilhom jirrinunzjaw għalih;

Illi minn dawn il-kostatazzjonijiet kollha l-Qorti tasal biex tgħid li l-għan waħdieni tal-atturi dwar il-kawża li għandha quddiemha kien dak li żżomm fis-seħħ il-Mandat ta' Deskrizzjoni li l-atturi kisbu favur tagħhom, kif sewwa jisħaq l-imħarrek fid-disa' (9) eċċezzjoni tiegħu. Ir-rimedji li l-atturi tassew kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom bħala werrieta preżunti ta' missierhom ma kinux dawk li qegħdin jitolbu f'din il-kawża. Ladarba dan huwa hekk, il-liġi ma tistax tħares b'favur lejn iż-żamma fis-seħħ għalxejn ta' mandat kawtelatorju bħalma huwa l-Mandat ta' Deskrizzjoni;

Illi b'dan il-mod, l-atturi diġa' kellhom meżżi biżżejjed biex, jekk jagħżlu, jifformaw inventarju dettaljat minn rajhom, bla ħtieġa li jġegħlu lill-imħarrek jagħmel dan. Fuq kollox, għall-finijiet tat-tielet talba attriċi, lanqas kieku l-imħarrek

[17] Art. 881 tal-Kap 16

kellu tassew iż-żamma f'idejh tal-ħwejjeġ mobbli tal-wirt, ma kienet tkun mistħoqqa t-talba tal-atturi li jiġu awtoriżżati li jirrediġu huma l-inventarju bi spejjeż tal-imħarrek, u dan għaliex il-liġi trid[18] li l-ispejjeż tal-inventarju jbatihom il-wirt;

Illi fid-dawl ta' dawn ir-raġunijiet, il-Qorti m'għandhiex tistħarreġ is-siwi tal-eċċezzjonijiet dwar jekk il-ġudizzju huwiex sħiħ jew jekk l-imħarrek huwiex il-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet attriċi;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talbiet attriċi** bħala mhux mistħoqqa u barra minn waqthom; u

**Tikkundanna** lill-istess atturi jħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[18] Art. 902 tal-Kap 16